MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 609/2011

**C FENECH CLARKE TYRES LIMITED** (C-29471)

Vs

**AWTORITA’ TA’ MALTA GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b’rikors tagħha tal-11 ta’ Ottubru, 2011[1], biex il-Qorti tordna n-notifika tar-Rikors Maħluf lilha wara li tordna l-bdil tal-“okkju” tal-kawża b’mod li isimha jkun jidher kif imissu jkun;

[1] Paġġ. 11 – 3 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2011;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija attriċi fil-31 ta' Ottubru, 2011, għat-talba magħmula fir-rikors;

Tqis li l-kwestjoni kollha nħalqet minħabba li saret notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u l-Avviż tas-Smigħ tal-kawża mressqa mill-kumpannija attriċi fl-24 ta' Ġunju, 2011, iżda minkejja li dik in-notifika, ma ddaħħlet l-ebda Tweġiba maħlufa fiż-żmien tal-għoxrin jum li trid il-liġi;

Tqis li, fl-ewwel smigħ tal-kawża, fil-5 ta' Ottubru, 2011, deher rappreżentant tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, mgħejjun mill-avukat tagħha, u ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li l-isem tagħha kif muri fl-"okkju" tal-kawża kien magħmul ħażin u b'dan il-mod ma ġietx imħarrka sewwa u għalhekk lanqas beda jgħaddi ż-żmien li fih imissha tressaq it-Tweġiba maħlufa tagħha;

Tqis li l-isem xieraq tal-Awtorita' skond il-liġi huwa dak ta' Awtorita' ta' Malta **dwar** l-Ambjent u l-Ippjanar[2], filwaqt li isem il-parti mħarrka fl-atti ta' din il-kawża huwa Awtorita' ta' Malta **Għall-**Ambjent u l-Ippjanar;

Tqis li għalkemm mad-daqqa ta' għajn l-kwestjoni kollha ddur ma' dik li tidher bħala l-kontumaċja tal-Awtorita' f'din il-kawża, l-istess Awtorita' tisħaq fuq is-siwi tan-notifika u mhux fuq il-jedd li tissana l-kontumaċja, li huma żewġ ħwejjeġ proċedurali li jingħarfu minn xulxin;

Tqis li, madankollu, kemm miċ-ċirkostanzi mfissra mill-kumpannija attriċi fil-premessi tar-Rikors Maħluf tagħha u kif ukoll mit-talbiet magħmula, dan ma jistax ma jirreferix għal dik l-Awtorita' – li llum kulħadd, fit-tajjeb u fil-ħażin, jafha bħala l-MEPA – għaliex talbiet bħal dawk jistgħu jsiru kontra dik l-Awtorita' biss u hija dik l-Awtorita' waħedha li tista' tirribatti (jekk jidhrilha) talbiet bħal dawk. Minkejja li "mħarrka ħażin", l-Awtorita' dehret (permezz tar-rappreżentant tagħha) fl-ewwel smigħ u saħansitra deher miegħu l-avukat tal-istess Awtorita';

---

[2] Art. 6(1) tal-Kap 504. Hekk ukoll kien l-isem tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-artt 2 u 3(1) tal-Kap 356

Tqis li d-deċiżjonijiet imsemmija mill-Awtorita' rikorrenti ma tantx huma ta' fejda għat-talba tagħha f'dan il-waqt tal-kawża għaliex kollha jirreferu għal ċirkostanzi fejn l-iżball jew l-isem ħażin tal-parti mħarrka jew intimata ħarġu wara li kien hemm pronunzjament (sentenza jew degriet) li bih ingħalqet il-vertenza. Fil-każ tal-lum, il-kawża għadha fl-istadju tal-bikri fejn għadu qiegħed jitqies jekk ingħalqitx il-fażi tal-proċedura bil-miktub. L-argument tan-nuqqas ta' notifika tajba jfisser li jkun għad hemm kwestjoni dwar jekk dik l-ewwel fażi tal-kawża kienx tassew ingħalaq;

Tqis ukoll li lanqas is-suġġeriment tal-Awtorita' rikorrenti dwar l-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jista' jgħodd biex jagħti s-setgħa lill-Qorti li tieħu inizzjativa minn rajha u tordna l-bidliet fl-atti kif suġġerit, u dan għaliex dak is-sub-inċiż jitkellem dwar "żball ġudizzjarju jew amministrattiv". Il-Qorti ma jidhrilhiex li żball fl-isem ta' parti fil-kawża huwa żball ġudizzjarju jew amministrativ (sakemm ma jkunx jidher, per eżempju, fuq il-lista pubblikata tal-kawżi jew fuq l-Avviż tas-Smigħ, liema dokumenti huma frott ħidma tal-uffiċjali tar-Reġistru tal-Qorti), ladarba l-att ġudizzjarju jitħejja minn u fuq responsabbilta' tal-parti li tressqu;

Tqis madankollu li, lil hinn mil-fattispeċi akkademiċi li din iċ-ċirkostanza ġġib magħha, jkun xieraq u ġust li, fl-interess tal-partijiet infushom, tara li l-kawża titmexxa 'l quddiem sewwa u mhux taħt it-theddida li, kulma jkun sar, jew ma jkunx jiswa jew isir kontra persuna li ma teżistix. Iċ-ċirkostanza waħedha, kif tgħid il-kumpannija attriċi fit-Tweġiba tagħha, li l-Awtorita' mħarrka għarfet li l-atti kienu maħsuba għaliha, ma jbiddilx il-fatt li jekk kemm-il darba huwa minnu li l-isem tajjeb mogħti mil-liġi lill-istess Awtorita' m'huwiex dak imniżżel mill-kumpannija attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha, f'xi waqt jew ieħor kienet sejra tintalab il-bidla ta' dak l-isem biex jiġi kif għandu jkun;

Tqis li ladarba l-Awtorita' rikorrenti tqis lilha nnifisha bħala l-parti li kontra tagħha l-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża u ladarba f'kull każ (anke kieku ressqet Tweġiba maħlufa fiż-żmien xieraq b'"eċċezzjoni" li fiha tiġbed l-

attenzjoni tal-Qorti dwar kif imissu jinkiteb l-isem xieraq tagħha, bħalma jsir ta’ spiss f’kawżi oħrajn) kienet se’ tkun il-kumpannija attriċi nnifisha li x’aktarx titlob il-bidla tal-isem tal-parti mħarrka, din il-Qorti tqis ir-rikors tal-istess Awtorita’ bħala talba tal-parti taħt l-artikolu 175(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (li jitkellem fuq “talba ta’ waħda mill-partjiet”) u tagħti l-provvediment tagħha fir-rigward;

Tqis li bdil bħal dan ma huwa bl-ebda mod se’ jbiddel is-sustanza tal-azzjoni mibdija mill-kumpannija attriċi;

Tqis li meta tintlaqa’ talba ta’ xi parti biex isir tibdil f’att ġudizzjarju jew jiddaħal att ġudizzjarju minfloku, hija proċedura li dak l-att kif hekk mibdul jew l-att li jitħalla jiddaħħal minfloku jerġa’ jinħareġ għan-notifika bħallikieku kien qed jitressaq għall-ewwel darba;

Tqis li l-kumpannija attriċi la irribattiet u lanqas aderiet mat-talba tal-Awtorita’ rikorrenti u jidher li ħalliet f’idejn il-Qorti biex tipprovdi kif jidhrilha xieraq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talba tal-Awtorita’ rikorrenti billi:

**Tilqa’ t-talba tal-Awtorita’ rikorrenti** billi, għall-finijiet tal-artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna li l-kelma “Għall-” fl-isem tal-parti mħarrka fl-“okkju” tal-kawża, titneħħa u tidħol minflokha “dwar”;

**Tordna** li din il-bidla tkun riflessa fl-atti tal-kawża kull fejn meħtieġ, u kif ukoll fl-Avviż tas-Smigħ u l-listi li jitwaħħlu mal-awla kull meta l-kawża tissejjaħ; u

**Tordna** l-Awtorita’ rikorrenti mħarrka titqies li laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf kif issa mibdula b’seħħ millum.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------